MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2005

Citazzjoni Numru. 1122/1997/1

Kawza fil-lista: 19

**Anthony u Rose mizzewgin Sammut**
**Vs**
**Michael Bajada**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-atturi ppremettew u talbu hekk:

Peress illi l-atturi xtraw minghand il-konvenut karozza Mercedes mudell 240D numru ta' registrazzjoni I-3182 versu l-prezz ta' erbat elef liri Maltin (Lm4,000) li thallas lil istess konvenut;

Peress illi l-atturi bieghu din il-vettura li Carmelo sive Charles Attard u fid-29 ta' Frar 1996 il-Pulizija

ssekwestraw din il-vettura u wara li spezzjonaw din il-vettura qalu lil imsemmi Charles Attard li din il-karozza kienet misruqa minn sidha u ghalhekk kienu ser izommuha sakemm jigu kompletati l-investigazzjonijiet taghhom u l-proceduri legali;

Peress illi ghaldaqstant l-imsemmi Carmelo sive Charles Attard iddeduca l-pretensjoni tieghu kontra l-istess atturi permezz ta' Citazzjoni prezentata fir-Registru ta' Din il-Qorti – Citazzjoni numru 1334/96 NA – fejn qieghed jitlob illi l-atturi jigu kkundannati jhallsu lil imsemmi Attard il-prezz imhallas mill-istess Attard kif ukoll id-danni sofferti mill-istess Attard;

Peress illi min-naha taghhom, l-atturi interpellaw lill-konvenut sabiex jirrestitwixxi l-prezz imhallas mill-atturi kif ukoll sabiex ihallas lil atturi d-danni kollha li ghalihom jistghu jigu ritenuti responsabbli l-istess atturi ghar-ragunijiet premessi u dan in forza ta' ittra ufficjali tat-12 ta' Marzu 1996 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u markata Dokument "A";

Jghid il-konvenut ghaliex m'ghandiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara li l-karozza Mercedes bin-numru ta' registrazzjoni I-3182 ma kienetx proprjeta' tal-konvenut izda proprjeta' ta' terza persuna fil-mument tal-bejgh u dan ad insaputa tal-istess atturi b'dan illi l-bejgh huwa null;

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lil atturi s-somma ta' erbat elef liri Maltin (Lm4,000) bhala restituzzjoni tal-prezz lilu mhallas ghall-karozza imsemmija ghall-karozza imsemmija u

3. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi bhala konsegwenza ta' dan il-bejgh u

4. Tikkundanna lill-konvenut ihallas dik is-somma hekk likwidata in linea ta' danni.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri ufficjali tat-12 ta' April 1996 u tal-Mandati ta' Sekwestru u ta' Qbid kawtelatorji

ipprezentati kontestwalment u bl-imghax legali mid-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Michael Bajada li biha eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici kontra l-eccipjent, huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjes kontra l-istess atturi billi l-eccipjent ma kellu ebda rapport gjuridiku mal-atturi, qatt ma kien proprjetarju tal-vettura mixtrija mill-istess atturi u b'ebda mod ma ppartecipa fl-atti illi talvolta jistghu jirrizultaw bhala dannuzi ghall-istess atturi.

2. Illi l-atturi (anzi precizament l-attur Anthony Sammut) xtara l-vettura minghand certu Stewart Thompson u ghalhekk hemm lok illi dana Thompson jigi kjamat fil-kawza, kif gja gie kjamat fil-kawza l-ohra imsemmija fil-premessi tac-citazzjoni attrici.

3. Illi f'kaz illi jirrizulta illi l-vettura in parola kienet verament misruqa, l-atturi purche xtraw l-istess vettura in *bona fede*, jistghu (jew setghu) invokaw il-protezzjoni moghtija lilhom mill-Artikoli 558 u 559 tal-Kodici Civili.

4. Illi l-atturi (cioe l-attur Anthony Sammut) kien gie informat mill-eccipjenti illi l-vettura kienet giet misruq minn Thompson qabel ma biegh din il-vettura lit-terzi konjugi Attard. L-eccipjent qatt ma jista' jkun responsabbli ghall-operat frawdolenti tal-atturi jew min minnhom.

5. L-atturi ghanhom juru illi l-att dannuz (is-sekwestru tal-vettura ghall-fini tal-proceduri ta' investigazzjoni kriminali u l-proceduri istitwiti mit-terzi akwirenti kontra l-atturi odjerni) huwa definittiv u li huma jew min minnhom ma jibqghux intitolati ghar-restituzzjoni tal-vettura fil-konkluzjoni ta' tali investigazzjoni. Ghalhekk l-ezitu ta' din il-kawza hija necessarjament marbuta mal-ezitu tal-kawza l-ohra ppresentata mill-imsemmija konjugi Attard illi hija ukoll marbuta mal-ezitu tal-investigazzjonijiet tal-Pulizija.

6. Illi l-eccipjent ma jirrispondix ghall-operat tal-Pulizija Ezekuttiva (jew l-awtoritajiet ohra involuti) jekk tali operat huwa lesiv tad-drittijiet Civili tal-atturi jew tat-terzi illi xtraw il-vettura minghand l-atturi.

7. Illi l-vettura in parola (anke jekk originarjament misruqa) tappartjeni llum lill-atturi (jew tat-terzi illi akkwistaw il-vettura in parola) illi ghalhekk ma humiex intitolati jitolbu l-annullament tal-kuntratt ta’ bejgh fuq il-bazi minnhom premessa u mitluba.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat id-digriet moghti minn din il-Qorti fis-7 ta’ Ottubru 1998 fejn il-Qorti, fuq talba taz-zewg partijiet ordnat li dawn iz-zewg kawzi jinstemghu kontestwalment;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Kwadru tal-fatti**

Illi l-kawza in disamina tikkoncerna vettura ta’ ghamla Mercedes Mudell 240D bin-numru ta’ registrazzjoni I-3182 li kienet giet importata Malta fil-31 ta’ Ottubru 1994 mill-konvenut Stuart Thompson[1]. Mill-provi rrizulta wkoll li din il-vettura, li skond il-log book[2] taghha sidha kien l-imsemmi Thompson, kienet qeda tinzamm fil-garage tal-konvenut Michael Bajada fejn Thompson kien impjegat.

Sussegwentement fid-29 ta’ Dicembru 1994 il-vettura giet mibjugha lill-attur u r-registrazzjoni taghha gie trasferit minn fuq Thompson ghal fuq l-istess Sammut. In segwitu, fl-4 ta’ April 1995 l-attur biegh il-karrozza lill-Carmel Attard, versu l-prezz ta’ Lm5,000 u l-log book rega’ gie

[1] Dep. Brian Farrugia – fol.192 [Cit.1334/96NC]
[2] Dok.X – fol.5 - [Cit.1334/96NC]

aggustat fis-sens li din giet registrata minn fuq Anthony Sammut ghal fuq Carmel Attard.

Illi jidher li sussegwentement Stuart Thompson kellu xi disgwid ma' Michael Bajada, u Emanuel sive Lolly Bajada, parentat mal-istess Michael Bajada, kiteb lill-Kontrollur tad-Dwara ittra datata 11 ta' Dicembru 1995 fis-sens li l-vettura de quo kellha c-chassis number mibdul u li kienet misruqa fl-Ingilterra.
Minn naha tieghu, permezz ta' ittra[3] datata 16 ta' Jannar 1996 l-Kontrollur tad-Dwara nforma lill-Kummissarju tal-Pulizija b' dan ir-rapport, u id-Dipartiment tal-Investigazzjonijiet Kriminali bdew l-investigazzjonijiet kondotti mis-Supretendent Pierre Calleja, dwar din il-vettura. Konsegwenzjali ghal dan ir-rapport il-pulizija ssekwestrat il-vettura mill-pussess ta' Carmel Attard fid-9 ta' Frar 1996[4] u giet ukoll inizjata inkjesta magisterjali.

Illi sussegwentement fil-25 ta' April 1996, Carmel Attard pprezenta c-citazzjoni kontra Anthony Sammut; u konsegwenza ta' dan, fis-19 ta' Mejju 1997 l-attur ipprezenta c-citazzjoni odjerna fil-konfront tal-konvenut Michael Bajada.

Illi fid-depozizzjoni[5] tieghu ta' 1 ta' Marzu 2001 is-Supretendent Pierre Calleja spjega li, ghalkemm "prima facie il-V.I.N [vehicle identification number] kien [jidher] imbaghabas", mill-investigazzjonijiet kollha li saru ma rrizultax li l-vettura de quo kienet misruqa. Irrizulta biss li, minn informazzjoni akkwistata mill-kumpanija li timmanifattura dawn it-tip ta' vettura, li dina kellha l-VIN u d-data tal-manifattura differenti mit-tip taghha.

Illi fl-10 ta' Mejju 1999 l-inkjesta magisterjali giet konkjuza u l-Magistrat Inkwirenti dderiga lill-investigaturi sabiex il-karrozza tigi ritornata lil sidha u ma tibqax mizmuma mill-pulizija.[6] Illi, in vista ta' din l-ordni, il-pulizija ssuggeriet lid-

[3] Dok.PC2 – fol.137 [Cit.1334/96NC]

[4] Fol.82 [Cit.1334/96NC]

[5] Fol.115 *et seq.* [Cit.1334/96NC]

[6] Dep. Supt.Alexandra Mamo – fol.106 [Cit.1334/96NC]

Direttur tal-licenzji illi "prior vehicle be released from police custody a new police chassis number be punched." Konformament ma' l-ordni tal-Magistrat Inkwirenti, il-pulizija informat Carmel Attard li dana kien awtorizzat jirriprendi l-vettura lura.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-atturi qedin jitlobu dikjarazzjoni gudizzjarja li l-bejgh tal-vettura bejn l-attur u l-konvenut huwa null peress li fil-mument tal-beigh il-vettura ma kienitx proprjeta' ta' Michael Bajada izda ta' terzi persuni u dan ad insaputa ta' l-istess atturi; kif ukoll ir-restituzzjoni tal-prezz ta' Lm4,000 u l-likwidazzjoni u hlas tad-danni.

Illi l-kawzali li fuqha l-atturi qed jibbazaw l-azzjoni taghhom hija li skond kif il-pulizija qalu lil Carmel Attard meta ssekwestrawlu l-vettura, li dina kienet misruqa minn sidha, u ghalhekk fil-mument tal-bejgh il-vettura ma kienitx tappartjenti lill-konvenut imma lil terzi, u dan ad insaputa ta' l-atturi.

Illi fl-att tac-citazzjoni l-atturi ppremettew ukoll illi huma ghamlu din il-kawza in segwitu u konsegwenzjali ghall-kawza li Carmel Attard istitwixxa kontra taghhom ghar-restituzzjonii tal-prezz u ghad-danni.

Illi f' dan l-istadju din il-Qorti taghmel referenza ghall-konsiderazzjonijiet taghha fil-kawza "Carmel Attard et vs Anthony Sammut et" [cit.1334/96] deciza llum, fejn gie deciz li Carmel Attard, attur f' dik il-kawza, ma rnexxilux jipprova li fil-mument tal-bejgh li sehh bejnu u bejn Anthony Sammut, allura konvenut, il-vettura kienet misruqa, jew li kienet tappartjeni lil haddiehor. Ghaldaqstant f' dik il-kawza l-Qorti kkonkludiet li l-ewwel talba attrici in kwantu bazata fuq id-dispost ta' l-artikolu 1372 tal-Kap.16 u in kwantu hija bazatai fuq il-kawzali li l-vettura kienet tappartjeni lil terzi, mhijiex sostnuta mill-provi u ma tistax tigu milqugha.

Illi ghalhekk illum jinsab gudizzjarjament stabbilit li meta l-attur xtara l-vettura dina kienet registrata fuq Stuart Thompson u ma kienet tappartjeni lil hadd izjed. L-atturi minn naha taghhom isostnu li huma xtraw minnghand il-konvenut Michael Bajada u mhux minghand Stuart Thompson. Di fatti l-prezz gie mhallas permezz ta' cheque mahrug fuq Michael Bajada.

Illi in propositu l-Qorti tosserva li mill-provi jirrizulta konflitt fis-sens li, filwaqt li l-atturi jsostnu li huma kienu xtraw minghand Michael Bajada, dana, minn naha tieghu jssotni li l-kompra vendita saret bejn l-attur u Stuart Thompson u li c-cheques gew mahruga favur Bajada peress li Thompson kellu jaghti somma ta' flus lilu. F' dan ir-rigward il-Qorti, tenut kont tal-fatt li kien Emanuel Bajada, parenti ta' Michael Bajada li ghamel ir-rapport lill-Kontrollur tad-Dwana, u tenut kont tal-fatt li l-vettura fil-mument tal-bejgh kienet ghadha registrata fuq isem Stuart Thompson – ta' liema fatt l-attur kien pienament konxju, din il-Qorti hija tal-fehma li, fuq bazi ta' verosimiljanza, ghandha taghti affidament lill-versjoni tal-konvenut li l-bejgh sar bejn l-attur u Thompson li f' dak il-mument kien ghadu proprjetarju tal-vettura.

Fis-sens tal-konsiderazzjonijiet premessi t-talbiet attrici ma jimmeritawx li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------